Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

15211/14
(OR. en)

PRESSE 577
PR CO 55

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3343 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Brussell, 7 ta' Novembru 2014

President **Pier Carlo PADOAN**
Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi tal-Italja

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

Il-Kunsill irrikonoxxa l-iskala mingħajr preċedent tar-reviżjoni ta' din is-sena tad-dħul tal- ***baġit tal-UE*** *u l-impatt tagħha fuq il-finanzi nazzjonali ta' xi Stati Membri. Huwa stieden lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni tar-regolament dwar ir-riżorsi proprji li tippermetti lill-Istati Membri kkonċernati jiddifferixxu l-pagamenti meħtieġa matul perijodu li jintemm fl-1 ta' Settembru 2015. Il-Kunsill irrikonoxxa wkoll il-ħtieġa li jiġi indirizzat il-livell għoli ta' talbiet mhux imħallsa u biex issir ħidma kostruttiva fuq l-adozzjoni ta' pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġits emendatorji għall-2014 b'mod f'waqtu.*

*Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-****istatistika*** *tal-UE u dwar l-aspetti ta' finanzjament tal-politika dwar il-klima, bi tħejjija għal konferenza tal-partijiet tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-****Tibdil fil-Klima****.*

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI **5**

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

SITWAZZJONI ATTWALI TAN-NEGOZJATI DWAR IL-BAĠIT 7

TASSAZZJONI: DIRETTIVA DWAR KUMPANNIJI PRINĊIPALI U SUSSIDJARJI - KLAWŻOLA KONTRA L-ABBUŻ 8

TAXXA FUQ IT-TRANSAZZJONIJIET FINANZJARJI 9

STATISTIKA TAL-UE 10

KONVENZJONI QAFAS TAN-NU DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA 11

AFFARIJIET OĦRA 14

– Ħidma kontinwa fuq dossiers leġislattivi 14

– Denunzja standard tal-VAT 14

LAQGĦA FIL-MARĠINI TAL-KUNSILL 15

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

– Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni: kontribuzzjonijiet għall-ispejjeż amministrattivi 16

– Rieżami tas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji 16

– Direttiva dwar ir-rekwiżiti ta' kapital: Standards tekniċi 16

– Statistika - Nefqa tar-riċerka u l-iżvilupp 17

– Governanza ekonomika - l-Istati Membri taż-żona tal-euro ("Two-pack") 17

– Deroga mill-VAT - Latvja, Litwanja - Negozji żgħar 17

– Deroga mill-VAT - Estonja - Karozzi tal-passiġġieri 18

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

– Saint-Barthélemy - Taxxa fuq it-tfaddil u kooperazzjoni amministrattiva ... 18

AFFARIJIET BARRANIN

– Iran - Miżuri restrittivi ... 18

– Repubblika Ċentru-Afrikana - Operazzjoni militari tal-UE ... 18

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

– Emendi għall-Protokoll tal-Ftehim taż-ŻEE ... 18

SUQ INTERN

– Approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi bil-mutur ... 19

LIĠI TAL-KUMPANNIJI

– Rekwiżiti ta' kontabilità għall-kumpaniji - Kroazja ... 19

AGRIKOLTURA

– Spirti - Emenda għal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ... 19

TRASPORT

– Interoperabbiltà tal-linji ferrovjarji - Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija ... 20

– Sikurezza tal-avjazzjoni - Unitajiet tad-distribuzzjoni tal-ossiġnu ... 20

AMBJENT

– Fawna u flora selvaġġi ... 20

KULTURA / AWDJOVIŻIV

– Programm Ewropa Kreattiva - Svizzera ... 21

– UE-Korea - Kooperazzjoni kulturali ... 21

ĦATRIET

– Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ... 21

PARTEĊIPANTI

Belġju:	
Is-Sur Dirk WOUTERS	Rappreżentant Permanenti
Bulgarija:	
Is-Sur Dimiter TZANTCHEV	Rappreżentant Permanenti
Repubblika Ċeka:	
Is-Sur Andrej BABIŠ	L-Ewwel Viċi Prim Ministru għall-Ekonomija u Ministru għall-Finanzi
Danimarka:	
Is-Sur Morten ØSTERGAARD	Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Intern
Ġermanja:	
Is-Sur Wolfgang SCHÄUBLE	Ministru Federali għall-Finanzi
Estonja:	
Is-Sinjura Maris LAURI	Ministru għall-Finanzi
Irlanda:	
Is-Sur Michael NOONAN	Ministru għall-Finanzi
Greċja:	
Is-Sur Gikas HARDOUVELIS	Ministru għall-Finanzi
Spanja:	
Is-Sur Luis DE GUINDOS JURADO	Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Kompetittività
Franza:	
Is-Sur Michel SAPIN	Ministru għall-Finanzi u l-Kontijiet Pubbliċi
Kroazja:	
Is-Sur Mato ŠKRABALO	Rappreżentant Permanenti
Italja:	
Is-Sur Pietro Carlo PADOAN	Ministru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi
Ċipru:	
Is-Sur Harris GEORGIADES	Ministru għall-Finanzi
Latvja:	
Is-Sur Jānis REIRS	Ministru għall-Finanzi
Litwanja:	
Is-Sur Rimantas ŠADŽIUS	Ministru għall-Finanzi
Lussemburgu:	
Is-Sur Pierre GRAMEGNA	Ministru għall-Finanzi
Ungerija:	
Is-Sur Gábor ORBÁN	Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Ekonomija Nazzjonali
Malta:	
Is-Sur Edward SCICLUNA	Ministru għall-Finanzi
Pajjiżi l-Baxxi:	
Is-Sur Jeroen DIJSSELBLOEM	Ministru għall-Finanzi
Awstrija:	
Is-Sur Hans Jörg SCHELLING	Ministru Federali għall-Finanzi
Polonja:	
Is-Sur Mateusz SZCZUREK	Ministru għall-Finanzi
Portugall:	
Is-Sinjura Maria Luís ALBUQUERQUE	Ministru għall-Finanzi

Rumanija:	
Is-Sinjura Ioana-Maria PETRESCU	Ministru għall-Finanzi Pubbliċi
Slovenja:	
Is-Sur Dušan MRAMOR	Ministru għall-Finanzi
Slovakkja:	
Is-Sur Peter KAŽIMIR	Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Finanzi
Finlandja:	
Is-Sur Antti RINNE	Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Finanzi
Svezja:	
Is-Sinjura Magdalena ANDERSSON	Ministru għall-Finanzi
Renju Unit:	
Is-Sur George OSBORNE	Ministru għall-Finanzi (Chancellor of the Exchequer)

Kummissjoni:	
Is-Sinjura Kristalina GEORGIEVA	Viċi President
Is-Sinjura Marianne THYSSEN	Membru
Is-Sur Pierre MOSCOVICI	Membru
Is-Sur Jonathan HILL	Membru

Parteċipanti oħrajn:	
Is-Sinjura Sabine LAUTENSCHLÄGER	Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew
Is-Sur Werner HOYER	President tal-Bank Ewropew tal-Investiment
Is-Sur Thomas WIESER	President tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju
Is-Sur Jens GRANLUND	President tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

SITWAZZJONI ATTWALI TAN-NEGOZJATI DWAR IL-BAĠIT

Il-Kunsill ħa nota tal-konklużjonijiet tal-presidenza li ġejjin dwar il-kwistjonijiet baġitarji fis-sena attwali u dwar it-talba lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal emenda tar-regolament:

"Il-Kummissjoni tat informazzjoni dwar l-eżitu tal-korrezzjonijiet annwali tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT u d-DNG, skont l-Artikolu 10, il-paragrafi 4 sa 8 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000. B'mod partikolari minħabba r-reviżjonijiet maġġuri tad-DNG ta' diversi Stati Membri, il-kontribuzzjonijiet addizzjonali tagħhom għall-baġit tal-UE ser ikunu sostanzjali. Barra minn hekk, id-dewmien regolatorju sad-data tal-pagament tal-ewwel jum ta' xogħol ta' Diċembru huwa wieħed qasir. Dan jista' jirriżulta f'implikazzjonijiet fiskali eċċezzjonalment għoljin għal dawk l-Istati Membri.

Għaldaqstant, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal emenda mmirata u limitata għar-Regolament tal-Kunsill Nru 1150/2000 biex jittieħed kont ta' tali ċirkostanzi eċċezzjonali. Din għandha tippermetti lill-Istati Membri kkonċernati li jiddifferixxu l-pagament meħtieġ tul perijodu raġonevoli ta' żmien (mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru). Imbagħad, għal raġunijiet ta' trattament ugwali tal-Istati Membri kollha, id-differiment għandu jkun opzjoni għal kulħadd jekk is-somma globali tal-bilanċi tad-DNG tkun eċċezzjonalment għolja. Meta jittieħed kont tal-iskadenzi qosra, din l-emenda għandha tidħol fis-seħħ sal-1 ta' Diċembru ta' din is-sena (b'mod retroattiv jekk ikun meħtieġ).

Fl-istess waqt, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi indirizzata ż-żieda mingħajr preċedent ta' talbiet mhux imħallsa fl-intestaturi u l-programmi kollha tal-baġit tal-UE, il-Kunsill jaqbel li jaħdem b'mod kostruttiv, inkluż bl-użu tal-istrumenti ta' flessibbiltà maqbula fil-QFP 2014-2020, biex jadotta pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġits emendatorji għall-2014 b'mod f'waqtu, filwaqt li jfakkar fil-pożizzjoni adottata diġà mill-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit għall-2015."

TASSAZZJONI: DIRETTIVA DWAR KUMPANNIJI PRINĊIPALI U SUSSIDJARJI - KLAWŻOLA KONTRA L-ABBUŻ

Il-Kunsill iddiskuta abbozz ta' emenda għar-regoli tat-taxxa tal-UE bil-għan li jitwaqqfu l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa minn gruppi korporattivi.

Maġġoranza kbira ta' Stati Membri kienu lesti jappoġġaw test ta' kompromess propost mill-presidenza (14531/1/14 REV 1). Kollha esprimew l-impenn tagħhom biex jaħdmu b'mod kostruttiv lejn qbil fil-laqgħa tal-Kunsill fid-9 ta' Diċembru 2014. Il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit indikaw li qed jistennew skrutinju parlamentari. Il-Belġju u l-Pajjiżi l-Baxxi ssuġġerew li l-ġimgħat li fadal jintużaw biex jiġi ċċarat aktar it-test.

Il-proposta tintroduċi klawżola vinkolanti kontra l-abbuż fid-direttiva tal-UE dwar kumpanniji prinċipali u sussidjarji. Il-klawżola tipprevjeni l-użu ħażin tad-direttiva u tiżgura aktar konsistenza fl-applikazzjoni tagħha fi Stati Membri differenti. Dan jirrikjedi li l-gvernijiet joqogħdu lura mill-għoti tal-benefiċċji tad-direttiva lil arranġament, jew sensiela ta' arranġamenti, li ma jkunux 'ġenwini' u jkunu ddaħħlu fis-seħħ biex jinkiseb benefiċċju fuq it-taxxa, aktar milli għal raġunijiet kummerċjali validi li jirriflettu r-realtà ekonomika.

L-abbozz ta' klawżola kontra l-abbuż hija fformulata bħala regola "de minimis" komuni tal-UE. Din tippermetti lill-Istati Membri japplikaw regoli nazzjonali aktar stretti, dment li dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi tal-UE.

Internazzjonalment, il-kwistjoni dwar l-evitar tat-taxxa korporattiva hija prijorità politika għolja u reċentement ġibdet attenzjoni konsiderevoli fil-mezzi tal-informazzjoni. Il-ħidma tal-OECD fuq l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u t-trasferiment tal-profitt ġiet approvata bħala l-mezz ta' progress fil-laqgħat reċenti tal-G20 u l-G8.

Abbażi tal-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, l-emenda tirrikjedi l-unanimità sabiex tiġi adottata mill-Kunsill, wara li jiġi kkonsultat il-Parlament Ewropew.

TAXXA FUQ IT-TRANSAZZJONIJIET FINANZJARJI

Il-Kunsill iddiskuta proposta bil-għan li tiġi introdotta taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji (TTF) fi 11-il Stat Membru permezz tal-proċedura ta' "kooperazzjoni msaħħa". Il-presidenza rrapportat dwar il-ħidma mwettqa s'issa (*14949/14*) u l-Kunsill iddiskuta l-kwistjonijiet pendenti.

Il-presidenza indikat li l-ħidma ser tiġi intensifikata biex tippermetti qbil fil-futur qrib, bil-għan li tiġi implimentata l-ewwel fażi tat-TTF mill-1 ta' Jannar 2016.

Hija ħadet nota li l-Istati Membri parteċipanti jaqblu li transazzjonijiet fl-ishma ta' kumpanniji elenkati fil-Boroż għandhom jiġu soġġetti għat-TTF. Madankollu, tinħtieġ aktar ħidma fuq id-derivattivi li għandhom jiġu soġġetti għat-TTF.

Il-11-il pajjiż parteċipanti fil-kooperazzjoni msaħħa dwar it-TTF huma l-Awstrija, il-Belġju, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja. Il-kooperazzjoni msaħħa ġiet awtorizzata f'Jannar 2013 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/52/UE (*16977/12*), wara li f'Settembru 2011 proposta għal TTF mal-UE kollha ma rnexxilhiex tikseb appoġġ unanimu.

Il-proposta tal-Kummissjoni li bħalissa qed tiġi diskussa ġiet ippreżentata fi Frar 2013 (*6442/13*). Din tirrikjedi l-qbil unanimu tal-parteċipanti, waqt li Stati Membri oħra jistgħu jipparteċipaw ukoll fid-deliberazzjonijiet.

Il-proposta għandha l-istess kamp ta' applikazzjoni u objettivi tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni għal TTF mal-UE kollha. Din tinvolvi rata tat-taxxa minima ta' 0.1% għal transazzjonijiet għat-tipi kollha ta' strumenti finanzjarji, ħlief għad-derivattivi li jiġu soġġetti għal rata tat-taxxa minima ta' 0.01%.

Il-proposta għandha l-għan li:

- tiżgura li s-settur finanzjarju jagħti kontribuzzjoni ġusta għall-ispejjeż tal-kriżi finanzjarja;
- toħloq kondizzjonijiet ekwi ma' setturi oħra f'termini ta' tassazzjoni;
- tiskoraġġixxi transazzjonijiet li ma jtejbux l-effiċjenza tas-swieq finanzjarji.

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE u d-Deċiżjoni 2013/52/UE li tawtorizza l-kooperazzjoni msaħħa. Din tirrikjedi l-qbil unanimu tal-parteċipanti (fi ħdan il-Kunsill), wara li jiġi kkonsultat il-Parlament Ewropew.

STATISTIKA TAL-UE

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-istatistika tal-UE bħala parti minn eżami annwali tal-governanza statistika.

L-oqfsa ta' politika tal-UE jiddependu aktar u aktar fuq il-provvediment ta' statistika soċjoekonomika ta' kwalità għolja. Din għandha rwol importanti fl-ippjanar, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-monitoraġġ ta' inizjattivi ta' politika.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill jenfasizzaw dan. B'referenza għall-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku u statistika strutturali tal-UE, huma jilqgħu l-progress lejn il-modernizzazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS).

Il-konklużjonijiet approvaw ukoll rapport annwali mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) dwar rekwiżiti ta' informazzjoni skont l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-UE.

Darba f'sena, mill-2006, il-KEF u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika ħadu kont tal-ħtiġijiet ta' statistika biex tiġi appoġġata l-ħidma tal-Kunsill. Il-modernizzazzjoni tal-ESS ilha għaddejja mill-2009.

L-ESS, li hija sħubija bejn il-Eurostat, l-awtorità tal-UE tal-istatistika, u l-istituti nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra b'responsabbiltà għall-istatistika. Il-missjoni tagħha hi li tipprovdi statistika affidabbli u komparabbli fil-livell tal-UE.

It-test jista' jinstab fid-dokument *13845/14*.

KONVENZJONI QAFAS TAN-NU DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin.

"1. JIRRIAFFERMA li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima fil-kuntest ta' azzjonijiet sinifikanti ta' mitigazzjoni u ta' trasparenza tal-implimentazzjoni, sabiex jikkontribwixxu għall-għan tal-pajjiżi żviluppati li b'mod konġunt jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena sal-2020 minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, pubbliċi u privati, bilaterali u multilaterali, inklużi sorsi alternattivi ta' finanzjament. JENFASIZZA l-bżonn ta' kondiviżjoni ġusta tal-piż fost il-pajjiżi żviluppati u JTENNI l-appell tiegħu għall-ekonomiji emerġenti biex jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-kapaċitajiet u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

2. JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha qabżu l-Impenn tagħhom għal Finanzjament Rapidu biex jipprovdu EUR 7.2 biljun bejn l-2010 u l-2012. JENFASIZZA l-kontribuzzjoni ta' EUR 9.6 biljun[1] fil-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima mill-UE u l-Istati Membri tagħha għas-sena 2013.

3. JENFASIZZA l-potenzjal tal-Fond Ekoloġiku għall-Klima li jkun mezz importanti għas-sostenn ta' bidla li ġġib trasformazzjoni lejn ekonomiji b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u ekonomiji reżiljenti għall-klima. JILQA' li l-Fond Ekoloġiku għall-Klima sar operazzjonali inklużi d-deċiżjonijiet bil-għan li jkun hemm bilanċ ta' 50:50 bejn il-mitigazzjoni u l-adattament biż-żmien u li jkun hemm kemm jista' jkun involviment mas-settur privat. JILQA' l-proċess kontinwu ta' mobilizzazzjoni tar-riżorsi inizjali, b'mod partikolari t-tħabbir bikri minn għadd ta' pajjiżi. JILQA' b'mod partikolari l-kontribuzzjonijiet li diġà tressqu minn xi pajjiżi li qed jiżviluppaw. JENFASIZZA li sehem sostanzjali mit-tħabbir bikri s'issa ġej minn Stati Membri tal-UE. JINKORAĠĠIXXI lill-pajjiżi kollha li huma f'pożizzjoni li jagħmlu dan, biex jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-Fond Ekoloġiku għall-Klima. JISTENNA B'INTERESS is-suċċess tal-ewwel konferenza tad-donaturi fid-19-20 ta' Novembru 2014. JENFASIZZA l-importanza ta' aktar żvilupp tal-politiki u l-proċeduri għall-Fond Ekoloġiku għall-Klima biex dan ikun jista' jirċievi u joħroġ il-fondi b'mod effettiv qabel il-COP21 biex ikun hemm bidla ta' trasformazzjoni mill-aktar fis possibbli.

4. JENFASIZZA li l-aktar strateġiji sostenibbli u effettivi biex jiżdied il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jibbażaw fuq varjetà wiesgħa ta' riżorsi. JENFASIZZA l-isforzi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex iżidu l-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima kif jidher fil-preżentazzjonijiet dwar l-istrateġiji u l-approċċi. IFAKKAR li ż-żieda fil-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hija proċess ta' ripetizzjoni li jimxi id f'id mal-gvernijiet nazzjonali li jiżviluppaw ambjenti, strateġiji ta' investiment u proġetti li jippermettu possibbiltajiet, u li kollha għandhom jinkludu l-faċilitazzjoni tal-azzjoni tas-settur privat.

[1] Din iċ-ċifra tinkludi sorsi ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima minn baġits pubbliċi u istituzzjonijiet finanzjarji oħra għall-iżvilupp.

5. JIRRIKONOXXI li l-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ser ikun parti importanti mill-Ftehim 2015 bħala mezz biex jintlaħaq l-għan li tiġi limitata t-temperatura medja globali għal inqas minn 2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jintlaħaq żvilupp sostenibbli b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u li jkun reżiljenti għall-klima. Il-finanzjament pubbliku tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ser ikompli jkollu rwol importanti wara l-2020. Dan għandu jintuża bl-aktar mod kosteffettiv u effiċjenti li jagħti l-akbar impatt possibbli fil-mitigazzjoni, fl-adattament jew fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet. JENFASIZZA l-importanza tal-Ftehim 2015 biex it-tendenzi tal-investiment jersqu lejn ekonomiji u soċjetajiet b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u li jkunu reżiljenti għall-klima. Jeħtieġ ukoll li l-Ftehim jirrifletti l-importanza tas-settur privat bħala sors ewlieni ta' finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-flussi rilevanti ta' investiment, jirrikonoxxi li l-finanzjament tas-settur privat jikkomplementa fejn ikun meħtieġ il-finanzjament pubbliku, iżda ma jiħux post il-finanzjament tas-settur pubbliku. JILQA' t-tħabbir pożittiv mis-settur privat fis-Summit tan-NU dwar il-Klima fit-23 ta' Settembru 2014.

6. JENFASIZZA li l-partijiet kollha għandhom ir-rwol li jimplimentaw firxa ta' azzjonijiet f'konformità mar-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet li qed jevolvu. Xi azzjonijiet għandhom jittieħdu mill-Partijiet kollha u oħrajn għandhom jittieħdu minn dawk li huma aktar kapaċi. Din id-diversità fir-rwoli u l-azzjonijiet għandha tidher fil-Ftehim 2015. L-azzjonijiet jistgħu jvarjaw mit-titjib tal-ambjenti domestiċi li jippermettu possibbiltajiet għall-faċilitazzjoni ta' investimenti sostenibbli b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u li jkunu reżiljenti għall-klima, sal-integrazzjoni tal-konsiderazzjonijiet dwar il-klima fil-politiki pubbliċi, il-promozzjoni tal-inklużjoni ta' kwistjonijiet dwar il-klima fid-deċiżjonijiet ta' investiment privat u l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. JISSOTTOLINJA li jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim 2015 dwar il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jkunu dinamiċi u jkunu jistgħu jadattaw għar-realtajiet u l-bżonnijiet li qed jinbidlu billi jirriflettu l-kapaċitajiet u r-responsabbiltajiet li qed jevolvu tal-Partijiet.

7. JIRRIKONOXXI li huwa importanti li jingħata appoġġ għall-adattament biex l-istrateġiji tal-iżvilupp u l-għajxien tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw isiru reżiljenti għall-klima. L-UE u l-Istati Membri tagħha qed jagħmlu sforzi biex jiddedikaw parti sostanzjali mill-finanzjament pubbliku tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima lejn l-adattament, speċjalment billi jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw partikolarment vulnerabbli. F'dan ir-rigward, il-Fond Ekoloġiku għall-Klima ser ikollu rwol ewlieni.

8. IFAKKAR li l-ambjenti li jippermettu possibbiltajiet biex jiġu ffaċilitati azzjonijiet dwar kemm il-mitigazzjoni kif ukoll l-adattament huma essenzjali biex jintlaħqu emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra kif ukoll l-iżvilupp reżiljenti għall-klima, bħal permezz ta' pjanijiet domestiċi, strateġiji dwar il-klima, politiki, strumenti u mekkaniżmi u oqfsa regolatorji li jagħtu riżultat. Il-prezz tal-karbonju huwa wieħed mill-komponenti ewlenin ta' ambjent li jippermetti possibbiltajiet u dan jista' jintlaħaq permezz ta' varjetà ta' għodod. Dawn jistgħu jinkludu pereżempju t-tnaqqis gradwali tal-investiment għoli fil-karbonju u s-sussidji fuq il-karburanti fossili. F'dan ir-rigward, JILQA' d-Dikjarazzjoni tal-Bank Dinji dwar il-Prezz tal-Karbonju kif tħabbar fis-Summit tan-NU dwar il-Klima fit-23 ta' Settembru 2014. JENFASIZZA l-intenzjoni ta' diversi Stati Membri tal-UE li jillimitaw l-għoti ta' għajnuna għall-finanzjament ta' proġetti relatati mal-karbonju.

9. JAPPELLA għal kontribuzzjonijiet biex tiġi żgurata rikostituzzjoni adegwata tal-Fond Multilaterali tal-Protokoll ta' Montreal li ser jiffaċilita l-appoġġ multilaterali għal emenda għall-Protokoll biex ikun jista' jkun hemm tnaqqis gradwali tal-produzzjoni u l-konsum tal-idrofluworokarburi, li huwa wieħed mill-aktar modi kosteffettivi ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fi żmien qasir.

10. ITENNI li hemm bżonn ta' qafas ta' kejl, rappurtar u verifika (MRV) b'saħħtu u armonizzat u tal-iżvilupp ta' definizzjonijiet ċari u komuni biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-fiduċja neċessarji. JAPPOĠĠA t-trasparenza u l-aċċelerazzjoni msaħħa tal-ħidma lejn tali oqfsa komuni maqbula internazzjonalment għall-MRV tal-flussi tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u b'mod partikolari jilqa' l-ħidma tal-Kollaborattiva tar-Riċerka tal-OECD dwar il-monitoraġġ tal-finanzjament privat tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ħidma kollettiva tal-OECD DAC dwar ir-rieżami tal-indikaturi ta' Rio kif ukoll il-ħidma tal-Kumitat Permanenti dwar il-Finanzjament dwar il-Valutazzjoni Biennali u ħarsa ġenerali tal-flussi tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

11. JENFASIZZA l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, inkluż il-finanzjament privat tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Fehim komuni tal-finanzjament privat tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima għandu jkun sempliċi u flessibbli biex il-piż amministrattiv tar-rappurtar jinżamm kemm jista' jkun baxx. Dan għandu joħloq ukoll l-inċentivi t-tajbin, billi jinkoraġġixxi lill-pajjiżi jimmobilizzaw u jużaw il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima bil-għan li jiġu promossi l-mitigazzjoni u l-adattament bl-aktar mod effiċjenti. Bla ħsara għall-ftehimiet internazzjonali futuri, u fir-rigward tal-għan li ħadu impenn għalih il-pajjiżi żviluppati biex b'mod konġunt jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena sal-2020 minn varjetà wiesgħa ta' sorsi fil-kuntest ta' azzjonijiet sinifikanti ta' mitigazzjoni u tat-trasparenza tal-implimentazzjoni, bħala punt tat-tluq, l-UE ser tapplika fehim tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, li jispeċifika li dawn il-flussi finanzjarji huma: 1) mobilizzati permezz ta' finanzjament pubbliku, jew b'intervent pubbliku, inkluż fil-qasam tar-riforma tal-politika u dik regolatorja, u 2) rilevanti għall-klima f'konformità mal-kriterji użati mill-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħall-OECD u l-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp.

12. JENFASIZZA li l-UE tinsab lesta tinvolvi ruħha fi djalogu attiv fis-sessjoni bħala parti mid-Djalogu Ministerjali ta' livell għoli dwar il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'Lima."

AFFARIJIET OĦRA

– ***Ħidma kontinwa fuq dossiers leġislattivi***

Il-Kunsill ħa nota tal-ħidma li għaddejja fuq id-dossiers dwar is-servizzi finanzjarji.

– ***Denunzja standard tal-VAT***

Il-presidenza rrapportat dwar il-ħidma li għaddejja fuq proposta li tintroduċi denunzja standard tal-VAT bil-għan li jitnaqqsu l-piżijiet fuq in-negozji, b'mod partikolari l-SMEs. Il-Kunsill kellu diskussjoni fil-qosor, u l-presidenza qablet li tirrifletti dwar l-aħjar mod possibbli kif jista' jsir progress sabiex ikun jista' jintlaħaq qbil.

LAQGĦA FIL-MARĠINI TAL-KUNSILL

Il-Ministri tal-Istati Membri taż-żona tal-euro attendew laqgħa tal-Grupp tal-euro fis-6 ta' Novembru. Huma ddiskutew il-programmi ta' aġġustament ekonomiku ta' Ċipru u tal-Greċja, l-unjoni bankarja (l-aspetti taż-żona tal-euro), is-segwitu tas-Summit taż-Żona tal-Euro (informazzjoni) u s-sitwazzjoni ekonomika u l-pożizzjoni tal-politika fiskali.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni: kontribuzzjonijiet għall-ispejjeż amministrattivi

Il-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax għall-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament dwar is-sistema proviżorja tal-pagamenti ta' kontribuzzjonijiet li jkopru n-nefqa amministrattiva tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni matul perijodu proviżorju.

Ir-regolament huwa att delegat skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Issa jista' jidħol fis-seħħ, dment li ma joġġezzjonax il-Parlament Ewropew.

F'Lulju 2014, il-Kunsill adotta regolament li jistabbilixxi mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni għal banek f'diffikultà (*11814/14*).

Rieżami tas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-rieżami tas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (*14681/14*).

F'Awwissu 2014, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ rapporti dwar il-missjoni u l-organizzazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (*12446/14* + *ADD 1*) u dwar l-operazzjoni tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u s-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (*12447/14* + *ADD 1* + *ADD 2*).

Direttiva dwar ir-rekwiżiti ta' kapital: Standards tekniċi

Il-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax għall-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament li jissupplimenta l-hekk imsejħa Direttiva dwar ir-rekwiżiti ta' kapital ("CRD4") 2013/36/UE fir-rigward tal-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet globali sistematikament importanti u d-definizzjoni ta' subkategoriji ta' istituzzjonijiet globali sistematikament importanti.

Ir-regolamenti huma atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Issa dawn jistgħu jidħlu fis-seħħ, dment li ma joġġezzjonax il-Parlament Ewropew.

Statistika - Nefqa tar-riċerka u l-iżvilupp

Il-Kunsill iddeċieda li ma joġġezzjonax għall-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament li jikkonċerna data dwar in-nefqa tar-riċerka u l-iżvilupp (*15147/14* + *12515/14*).

L-abbozz ta' regolament ifittex li jistabbilixxi format ta' trasmissjoni ta' data kif meħtieġ mir-Regolament 549/2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali. Madankollu, il-Kunsill jikkunsidra li t-test ma jirrispettax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(5) tar-Regolament 549/2013 fir-rigward tad-delega ta' setgħat lill-Kummissjoni.

L-abbozz ta' regolament huwa att delegat skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Minħabba li l-Kunsill joġġezzjona għat-test, ma jistax jiġi pubblikat jew jidħol fis-seħħ.

Governanza ekonomika - l-Istati Membri taż-żona tal-euro ("Two-pack")

Il-Kunsill approva test konsolidat ġdid ta' kodiċi ta' kondotta li jispeċifika l-obbligi għall-Istati Membri taż-żona tal-euro skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-ġabra tar-regoli fiskali tal-UE (*14928/14*).

Filwaqt li implimenta żewġ regolamenti dwar il-politika fiskali ("two-pack"), f'Lulju 2013, il-Kunsill approva kodiċi ta' kondotta li fih linji gwida li kien hemm qbil komuni dwarhom għal oqfsa armonizzati għall-abbozz ta' pjanijiet baġitarji tal-Istati Membri u għar-rapporti tal-ħruġ ta' dejn.

Il-bidliet għal dan il-kodiċi li issa huma approvati jirrigwardaw:

– il-preżentazzjoni ta' abbozz ta' pjanijiet baġitarji li ma jirriflettux abbozz ta' baġit tajjeb iżda biss xenarju ta' ebda bidla fil-politika;

– il-preżentazzjoni ta' abbozz ta' pjanijiet baġitarji li juru nonkonformità partikolarment serja mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-konsultazzjoni sussegwenti mal-Istat Membru kkonċernat.

Deroga mill-VAT - Latvja, Litwanja - Negozji żgħar

Il-Kunsill adotta deċiżjonijiet li jawtorizzaw lil-Latvja u l-Litwanja, permezz ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE, li jkomplu jeżentaw negozju żgħar minn pagamenti tal-VAT b'ċerti kondizzjonijiet. Il-miżuri jeżentaw persuni taxxabbli li l-valur tal-bejgħ tagħhom ma jkunx ogħla minn EUR 50,000 u EUR 45,000 rispettivament.

Id-derogi japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2017. Fir-rigward tal-Litwanja dan jestendi deċiżjoni preċedenti li tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2014. Fil-Latvja deroga preċedenti skadiet fil-31 ta' Diċembru 2013.

Deroga mill-VAT - Estonja - Karozzi tal-passiġġieri

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Estonja tintroduċi miżura li tidderoga mid-Direttiva dwar il-VAT (2006/112/KE) fir-rigward tad-dritt tat-tnaqqis tal-VAT fir-rigward ta' karozzi tal-passiġġieri (*14521/14* + *14739/1/14 REV 1*).

Id-deċiżjoni tapplika sal-31 ta' Diċembru 2017. Din tippermetti lill-Estonja tillimita għal 50% id-dritt tat-tnaqqis tal-VAT fuq in-nefqa fuq karozzi tal-passiġġieri li ma jintużawx biss għal għanijiet ta' negozju. Tali nefqa tkopri x-xiri, il-kiri, l-akkwist u l-importazzjoni intra-UE ta' karozzi tal-passiġġieri, kif ukoll nefqa relatata bħax-xiri ta' karburant.

Saint-Barthélemy - Taxxa fuq it-tfaddil u kooperazzjoni amministrattiva

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova l-konklużjoni ta' ftehim bejn l-UE u Franza li jikkonċerna l-applikazzjoni, f'dak li jirrigwarda l-kollettività ta' Saint-Barthélemy, tal-leġislazzjoni tal-UE dwar it-taxxa fuq it-tfaddil u l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (*14530/14*).

Il-ftehim ġie ffirmat fis-17 ta' Frar 2014, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

AFFARIJIET BARRANIN

Iran - Miżuri restrittivi

Il-Kunsill approva emendi ta' natura legali għal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi tal-UE kontra l-Iran.

Repubblika Ċentru-Afrikana - Operazzjoni militari tal-UE

Il-Kunsill estenda l-Operazzjoni Militari tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUFOR RCA) bi tliet xhur sal-15 ta' Marzu 2015. L-istima tal-ispejjeż komuni tal-operazzjoni għall-perijodu mis-16 ta' Diċembru 2014 sal-15 ta' Marzu 2015 hija EUR 5.7 miljun. Il-Kunsill aġġusta wkoll il-pjan operazzjonali għall-mandat estiż. Għal aktar dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa.

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Emendi għall-Protokoll tal-Ftehim taż-ŻEE

Il-Kunsill adotta deċiżjonijiet dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati, f'isem l-UE, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emendi għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE.

L-emendi jikkonċernaw programm dwar is-saħħa (*12733/14*), linji baġitarji (*12736/14*), il-protezzjoni tal-konsumatur (*12739/14*), Galileo (*12744/14*), in-navigazzjoni bis-satellita (*12747/14*) u l-programm Copernicus (*13492/14*). Dawn l-emendi huma meħtieġa sabiex tiġi inkorporata l-leġislazzjoni rilevanti tal-UE fil-Ftehim taż-ŻEE.

SUQ INTERN

Approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-UE fil-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) b'appoġġ għal adattamenti għall-progress tekniku ta' għadd ta' Regolamenti tal-UNECE, li jinkludu r-Regolament Tekniku Globali ġdid dwar it-tajers *(14723/14)*, l-abbozz ta' regolament ġdid dwar impatt fil-ġenb ma' arblu *(14831/14)* u l-abbozz ta' regolament ġdid dwar il-vetturi tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil.*(14823/14)*.

Fil-livell internazzjonali, l-UNECE tiżviluppa rekwiżiti armonizzati maħsuba biex ineħħu ostakoli tekniċi għall-kummerċ ta' vetturi bil-mutur u ta' sistemi bil-ħsieb li jiżdiedu i-livell ta' sikurezza u l-ħarsien tal-ambjent.

LIĠI TAL-KUMPANNIJI

Rekwiżiti ta' kontabilità għall-kumpaniji - Kroazja

Il-Kunsill adatta d-Direttiva dwar il-Kontabilità 2013/34/UE biex jittieħed kont tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE fl-1 ta' Lulju 2013 *(14017/14)*.

Id-Direttiva 2013/34/UE, adottata mill-Kunsill qabel l-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE, tistipula r-regoli ta' kontabbiltà applikabbli għal kumpanniji tal-UE bl-objettiv li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jiġu simplifikati r-regoli ta' kontabbiltà, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; li jiżdiedu ċ-ċarezza u l-komparabbiltà ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji u li tiżdied it-trasparenza tal-pagamenti magħmula lil gvernijiet mill-industriji estrattivi u l-ħassada ta' foresti primarji.

AGRIKOLTURA

Spirti - Emenda għal-lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni ta' emenda tal-Kummissjoni għall-annessi II u III għar-Regolament 110/2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spiritu̇ż (*5178/14*)

Il-'Pacharán' huwa xarba spirituża magħmula mill-maċerazzjoni ta' pruna salvaġġa (*Prunus spinosa*) fl-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola, prodotta tradizzjonalment fi Spanja. L-emenda għall-anness II taġġusta l-ispeċifikazzjonijiet tal-kategoriji ta' xi xorb spirituż bil-ħolqien ta' kategorija ġdida msejħa 'xorb spirituż aromatizzat bil-pruna selvaġġa jew *Pacharán*'. Barra minn hekk, l-emenda għall-anness III tipprevedi t-trasferiment tal-indikazzjoni ġeografika *'Pacharán navarro'*, mill-kategorija 'Xorb sprituż ieħor' taħt il-kategorija 'Xorb spirituż aromatizzat bil-pruna selvaġġa jew Pacharán' fl-istess anness.

Dan ir-Regolament tal-Kummissjoni huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-regolament, dment li ma joġġezzjonax il-Parlament Ewropew.

TRASPORT

Interoperabbiltà tal-linji ferrovjarji - Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja Ewropea u li jħassar ir-Regolament 62/2006 (*12761/1/14 REV 1* + *ADD 1 REV 1*).

L-għan ta' din l-ispeċifikazzjoni teknika hu li jiġi żgurat l-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni u li jinkiseb proċess tat-trasport li jkun kemm jista' jkun ekonomikament vijabbli. Din tkopri applikazzjonijiet għal servizzi tat-trasport tal-merkanzija u l-ġestjoni ta' konnessjonijiet ma' mezzi oħra tat-trasport.

L-abbozz ta' regolament huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Issa li l-Kunsill

ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadottah, dment li ma joġġezzjonax il-Parlament Ewropew.

Sikurezza tal-avjazzjoni - Unitajiet tad-distribuzzjoni tal-ossiġnu

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' deċiżjoni li tawtorizza lil Franza li tidderoga minn ċerti regoli komuni dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni li jikkonċernaw unitajiet u żbokkijiet supplimentari tad-distribuzzjoni tal-ossiġnu f’kompartiment ta' ajruplan tal-passiġġieri (*13109/14* + *ADD 1*). Id-deroga hija bbażata fuq l-Artikolu 14(6) tar-Regolament 216/2008.

Ladarba l-miżura tkun ġiet approvata, l-Istati Membri kollha jkun intitolati li japplikawha.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni hija soġġetta għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta d-deċiżjoni, dment li ma joġġezzjonax il-Parlament Ewropew.

AMBJENT

Fawna u flora selvaġġi

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni ta' Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (*13677/14*).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Dan ifisser li issa li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-regolament, dment li ma joġġezzjonax il-Parlament Ewropew.

KULTURA / AWDJOVIŻIV

Programm Ewropa Kreattiva - Svizzera

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Konfederazzjoni Svizzera għal ftehim dwar il-parteċipazzjoni ta' dan il-pajjiż fil-Programm Ewropa Kreattiva bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Svizzera (*14175/14).*

Il-Programm "Ewropa Kreattiva" (2014-2020)[1] għandu baġit ta' EUR 1.46 biljun u objettivi doppju: il-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u t-tisħiħ tal-kompetittività tas-setturi kulturali, awdjoviżivi u kreattivi, filwaqt li jittieħed kont b'mod partikolari l-isfidi kkawżati mill-globalizzazzjoni u t-teknoloġiji diġitali. Huwa jiġbor flimkien fi programm uniku t-tliet programmi li qabel kienu indipendenti: KULTURA, MEDIA u MEDIA MUNDUS.

UE-Korea - Kooperazzjoni kulturali

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-UE fil-Kumitat

dwar il-Kooperazzjoni Kulturali stabbilit bil-Protokoll dwar il-kooperazzjoni kulturali għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles

bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Korea, fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' 15-il persuna biex iservu bħala arbitri f'każ ta' tilwim (*14244/14*).

Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea, ġie ffirmat fis-6 ta' Ottubru 2010 2. Il-Ftehim fih Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali li jistabbilixxi l-qafas għall-faċilitazzjoni ta' skambji fir-rigward tal-attivitajiet kulturali, l-oġġetti u s-servizzi, inkluż, fost oħrajn, is-settur awdjoviżiv.

ĦATRIET

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-Kunsill ħatar lis-Sinjura Anne DEMELENNE (Belġju) *(14653/14)* u lis-Sur Henri WAGENER (Lussemburgu) *(14658/14)* bħala membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2015.

---

[1] ĠU 347, 20.12.2013.
[2] ĠU L 127, 14.5.2011